**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**Appell Nru: 143/2002**

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Tonna)**

**vs**

**Jason Caruana**

Seduta tal-lum il-Hamis 19 ta' Settembru, 2002.

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

1) fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Lulju, 2001 u is-27 ta' Lulju 2001 fil-Belt Valletta fi Triq San Gwann mill-post maghruf bhala "Swish Clothing Shop" bejn 00.00 a.m. u 2.00 a.m. ikkommetta serq ta' flus u hwejjeg ghad-dannu ta' Margaret Briffa ta' aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, u dan bi ksur tal-artikoli 261, 263, 267, 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) u aktar talli fl-istess lok, data u hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' l-istess Margaret Briffa, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin imma ma teccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) talli wkoll l-imputat Jason Caruana huwa recediv u dan talli nhar il-15 ta' Dicembru 1994 gie misjub hati ta' serq aggravat mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta f' Awla 1 u aktar talli nhar il-31 t' Awissu 1999 instab hati ta' serq aggravat u hsara volontarja mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona LL.D., liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Mejju, 2002, li biha, wara li rat l-Artikolu 261, 270, 281 (c), 31, 49 u 50 tal-Kap 9, sabet lill-appellant hati tal-istess, rat ukoll li hu nghata kull possibilita' legali prevista mill-ligi taht il-Kap 9 u l-Kap 152 biex jirriforma ruhhu, tant li anke kien inghata l-beneficju ta' sentenza sospiza u kkundannatu ghal sena karcerarja.

Rat ir-rikors tal-appell minnu ppprezentat fis-6 ta' Gunju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija u tirrevokha in kwantu iien ikkundannat piena karcerarja ghal zmien sena billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz, ikluz bit-tnaqqis tal-perijodu kollu tal-arrest preventiv.

Rat it-talba ghad-differiment li saret fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002 ghax id-difensur tal-appellant kien imsiefer liema talba giet akkordata u l-appell gie differit ghas-17 t'Ottubru, 2002 ghat-trattazzjoni ; Rat ir-rikors tal-appellant biex l-appell jigi rikjamat ghal data aktar vicina stante li kien ser jasal biex jispicca z-zmien tas-sentenza ; Rat id-Digriet taghha li biha cahdet it-talba pero' bir-rizerva li tirrikjama l-kawza ghall-ewwel seduta possibbli jekk ikun il-kaz u l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tad-19 ta' Settembru, 2002 ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

illi dwar l-ewwel aggravju kif jissottometti l-abbli difensur fir-rikors tieghu , sal-lum u “de lege lata” it-tnaqqis taz-zmien li l-persuna misjuba hatja tkun ghamlet taht arrest , ghadu mhux awtomatiku u mandatorju u hu governat bl-artikolu 22 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta , kif kien qabel ma ghaddiet l-emenda tieghu bl-Att III tal-2002 . Di fatti , l-emenda ghal dan l-artikolu ghalkemm approvata mill-Parlament , ghadha ma ddahhlitx in vigore sal-lum u zgur li ma kienetx in vigore meta inghatat is-sentenza appellata.

Illi l-Ligi kif applikabbli sal-lum tghid testwalment hekk:-

> “Il-Qorti , hija w tiffissa l-piena li tisthoqq , tista tqis , FID-DISKREZZJONI TAGHHA (emfasi ta’ din il-Qorti) kull zmien li tulu l-akkuzat kien inzamm f’kustodja , qabel ma nsab hati , minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom ikun akkuzat.”

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , fil-kawza “ Il-Pulizija vs. Joseph Cini “ (29.8.1994) fejn gie trattat aggravju identiku ghal dan , huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tqisx jew le l-periodu li l-akkuzat ikun ghamel taht arrest preventiv u li dik il-Qorti ma kienx deherilha li kellha tiddisturba dik id-diskrezzjoni . Illi dan il-punt gie ukoll trattat fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Jean Claude Cassar et” (16.3.2001) fejn intqal testwalment hekk :-

> “.....jigi osservat li dan il-beneficcju jinghata mill-Qorti fid-diskrezzjoni esklussiva taghha u mhux b’xi dritt tal-persuna misjuba hatja w kundannata ghal xi piena karcerarja . Dan il-beneficcju jinghata meta l-Qorti li tinfliggi l-piena karcerarja thoss li ghandha taghtih wara li tkun hadet in konsiderazzjoni dak kollu li jidhrilha rilevanti .”
>
> “Sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis taz-zmien preventiv , il-Qorti ghandha tordna hekk specifikatament fis-sentenza taghha . Jekk ma ssemmiehx , bhal ma jidher li sar fil-kaz prezenti , dan ma jfissirx li l-Qorti tkun naqset li ssemmieh b’kapricc jew ghaliex insiet . Ifisser biss li l-Qorti hasset , tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz , li m’ghandhiex tordna li z-zmien ta’ l-arrest preventiv jigi imnaqqas mill-piena karcerarja nflitta.”

Illi din il-Qorti hija tal-istess fehma li ladarba l-Ewwel Qorti , ma ghamlitx kif isir f’hafna kazijiet u iddikjarat espressament fis-sentenza appellata li dak il-periodu t’ arrest preventiv ghandu jitnaqqas , sinjal li ma riedetx taghmel dan u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja dik id-diskrezzjoini jew tassumi li dan sar b’ xi zball jew b’xi zvista da parti tal-Ewwel Qorti .

X’ ser tipprovdi il-ligi wara li tidhol in vigore - u meta tidhol in vigore - l-emenda ghall-artikolu 22 , ma jistax jghin lill-appellant , ghax il-fatt li l-Legislatur hass li ghandu jhalli certi dispozizzjonijiet tal-Att III tal-2002 biex jigu in vigore aktar tard meta jiddeciedi il-Ministru koncernat , juri bic-car li kien hemm ragunijiet il ghala l-legislatur hass li din l-emenda ma kellhiex tidhol flimkien ma emendi ohrajn estensivi li dahlu in vigore fl-1 ta’ Mejju, 2002 u li sadattant ried li l-materja tibqa’ tigi regolata bil-ligi ezistenti .

Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat u qed jigi respint .

Illi dwar it-tieni aggravju li jsostni li l-piena ta’ sena prigunerija kienet wahda eccessiva , jintqal li din il-Qorti ma tiisostitwix id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena sakemm din tkun taqa’ fil-parametri tal-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata. Illi fil-kaz in ezami l-appellant li mhux qed jappella mid-dikjarazzjoni ta’ htija imma biss mill-piena inflitta , gie misjuq hati ta’ serq kwalifikat bil-hin li skond l-art. 281 igib piena ta’ prigunerija minn seba xhur sa sentejn u jekk umbaghad wiehed iqis ir-recidiva li lanqas ma giet kontestata mill-appellant , il-massimu tal-piena jizdied bi grad u cioe’ sa tlitt snin prigunerija . Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta’ sena , anki jekk maghha jizdiedu l-ghaxar xhur ta’ arrest preventiv , xorta kienet wahda li taqa’ taht dak li tipprovdi il-ligi u tammonta ghal ftit aktar minn nofs il-massimu li seta’ gie kundannat ghalih l-appellant . Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti qieset ic-cirkostanza tar-recidiva u tal-fatt li l-appellant ma hax vantagg minn kull possibilita’ legali prevista mill-ligi taht il-Kap.9 u Kap.152 biex jirriforma ruhu , tant li anki kien inghata l-

beneficcju ta' sentenza sospiza , qabel ma applikat il-piena in dizamina. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u anki dan l-aggravju qed jigi respint .

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata .

Joseph G. Galea Debono.
19.09.02

Paul Miruzzi
Assistent Registratur